Australian Government
Aged Care Quality and Safety Commission

Engage
*Empower*
**Safeguard**

Home Service Name: [Insert Home Service Name]

ID tal-Kummissjoni (Commission ID): [Insert Commission ID]

[Insert Date]

Għażiż Konsumatur u/jew Rappreżentant tal-Konsumatur

Int irċevejt din l-ittra għax l-Aged Care Quality and Safety Commission (Kummissjoni) qed tippjana li żżur lill-provveditur li hu responsabbli li jwassalek is-servizzi tal-kura tal-anzjani. L-għan ta' din iż-żjara hu biex nassessjaw jekk il-kwalità tal-kura u s-servizzi li qed jingħatawlek u lill-konsumaturi l-oħra jissodisfawx l-iStandards tal-Kwalità tal-Kura tal-Anzjani (Aged Care Quality Standards).

Il-Kummissjoni hi entità separata minn ma' My Aged Care. Il-Kummissjoni *ma tiddeterminax il-livell ta' kura, il-finanzjar jew il-benefiċċji tal-gvern,* u l-ebda wieħed minn dawn mhu ser ikun milqut minn kwalunkwe azzjoni li tagħżel li tieħu bħala risposta għal din l-ittra.

Il-Kummissjoni hi interessata tisma' minn għandek (jew mir-rappreżentat tiegħek) jekk tixtieq tagħti kwalunkwe kumment dwar il-kwalità tal-kura u tas-servizzi pprovduti lilek mill-provveditur tiegħek tas-servizz tal-kura tal-anzjani.

Dan il-proċess hu kompletament f'idejk, u int tista' tagħżel li tagħmel kwalunkwe azzjoni spjegata hawn taħt:

1) Ċempel lill-Kummissjoni fuq 1800 951 822 u agħfas il-buttuna 2 biex tipprovdi l-kummenti tiegħek fuq it-telefown; jew

2) Ikkuntattja lill-provveditur tiegħek tas-servizz tal-kura tal-anzjani u itlobhom biex issir laqgħa (wiċċ imb'wiċċ jew permezz tat-telefown) mal-

assessur tal-kwalità meta l-assessuri tal-kwalità iżuru lill-provveditur tiegħek. Id-data ta' dik il-viżita hi [Insert Visit Date] ; jew

3) Imla s-servej onlajn tal-esperjenza tal-konsumatur tal-Kummissjoni permezz tal-internet f': lonergan.team/homeservice. Int ser ikollok bżonn l-ID tal-Kummissjoni (Commission ID fuq nett ta' din il-paġna biex timla s-servej. Lonergan, kumpanija tar-riċerka indipendenti, qed tagħmel is-servej għan-nom tagħna.

4) Ma tagħmel xejn u tagħżel li ma tagħtix il-kummenti dwar il-kwalità tal-kura li tingħata, din id-darba. (Jekk jogħġbok int ħieles li tagħżel dan, jekk tixtieq dan).

Jekk tiddeċiedi li tikkumenta, il-Kummissjoni ser tirrispetta l-privatezza tat-tagħrif dwarek u mhux ser taqsam id-dettalji mal-provveditur tiegħek tal-kura tal-anzjani għajr jekk int taqbel speċifikament ma' dan, jew meta aħna mħasbin ħafna dwar is-sigurtà, is-saħħa jew il-ġid tiegħek.

Għal tagħrif dwar il-politika u l-prattika tal-privatezza tal-Kummissjoni, jekk jogħġbok irreferi għall-websajt tal-Kummissjoni agedcarequality.gov.au jew ikkuntattja lill- Kummissjoni permezz tat-telefown fuq 1800 951 822 u agħfas il-buttuna 2.

Jekk tiħtieġ l-għajnuna tal-interpretu, jekk jogħġbok ċempel lis-Servizzi tat-Traduzzjoni u l-Interpretar (Translating and Interpreting Service, TIS) fuq 131 450 u staqsi għal Aged Care Quality and Safety Commission.

Dejjem tiegħek

Aged Care Quality and Safety Commission